MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 168/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Raymond Montebello, iben Carmel,
imwieled GħarGħur fis-7 ta'
ottubru, 1958

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta' lulju, 2003 bħala proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond bl-isem 'Rayline', Triq Luqa Briffa, Naxxar b'diversi atti magħmulin minnu b'risoluzzjoni waħda fi żminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikometta serq ta' dawl elettriku ta' Lm250 għad-dannu tal-

Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur;
2. talli fl-istess ċirkostanżi kkometta ħsara volontarja fuq meter tad-dawl tal-marka ‘Mercaindo’, bin-numru tas-serje 91008388, liema ħsara ma teċċediex il-Lm50 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ ġunju, 2005 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u li l-Korporazzjoni ma għandha ebda pretensjoni kontrih.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3), 325(1)(b) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedi-
menti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas Lm64.57,0 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------